MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Avviz Numru. 439/2000/1

**Avviz numru 439/00 DM**

**Joseph u Maria Concetta konjugi Zammit**
**Vs**
**Blye Engineering Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi prevja d-dikjarazzjoni li l-apparat ‘split air conditioner dual split unit’ C&H 11,000 BTU kien affett minn difett latenti meta nxtara mill-atturi, talbu li din il-Qorti tordna r-rexxissjoni tal-bejgh u li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300), somma mhallsa lill-attur bhala hlas akkont tal-prezz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata fid-29 ta’ Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sad-data ta’ l-eventwali hlas – ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Qabel xejn, l-atturi jridu juru li pprezentaw il-kawza fit-terminu ta’ dekadenza stipulat fil-ligi f’kazi ta’ rexissjoni ta’ bejgh minhabba difetti latenti ;
2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak li qed jghidu l-atturi, l-‘air conditioner’ mibjugh lilhom mis-socjeta’ konvenuta ma kien fih ebda difetti latenti u ghalhekk it-talba taghhom ghandha tigi michuda bl-ispejjes.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi :

1. Dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, l-atturi ghandhom jitqiesu li rrinunzjaw irrimedjabilment ghall-azzjoni ta’ rexissjoni tal-bejgh in kwistjoni u ghar-rifuzjoni ta’ l-akkont minnhom imhallas stante li baqghu juzaw l-‘airconditioner’ meritu tal-kawza anki wara li skoprew l-allegati difetti u ma ddepostitawhx taht l-awtorita’ tal-Qorti skond il-ligi (vide Appell Inferjuri, deciz fit-22 ta’ Novembru, 2002, fl-ismijiet ‘Frederick Micallef et noe vs May Sullivan’).
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-30 ta’ Gunju, 2000, fejn gie nominat bhala Perit Tekniku, l-Inginier Carmelo Cuschieri ;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fit-8 ta’ Novembru, 2002, u rat ir-relazzjoni ulterjuri tieghu pprezentata fit-12 ta’ Mejju, 2004 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel (1) eccezzjoni preliminari taghhom il-konvenuti qieghdin jallegaw illi l-azzjoni redibitorja ezercitata mill-atturi tinsab preskritta a tenur ta' l-Artiklu 1431 tal-Kodici Civili.

Dan l-Artikli jipprovdi hekk : 'l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma mmobbli, bl-gheluq ta' sena (1) minn dakinhar tal-kuntratt u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-gheluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-konsenja tal-haga mibjugha, izda jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga z-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett'.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-'airconditioner' in kwistjoni kien gie kkonsenjat u nstallat fl-4 ta' Settembru, 1999, u li l-ewwel darba illi avvera ruhhu xi difett dan kien xi gimgha wara l-installazzjoni u kien jikkonsisti fl-'leakage' tal-' refrigeration gas'

Billi dan il-'leakage' tal-'gas' ma jistax wahdu u fi zmien qasir wara l-installazzjoni jkun indikattiv ta' xi difett latenti u ghandu jigi kkunsidrat sempliciment bhala verifika ta' rutina biex isir accertament illi l-apparat ikun qed jahdem sew, ghandu jigi ritenut illi l-atturi ghandhom jigu kkunsidrati illi setghu verament jibdew jissuspettaw li l-apparat seta' kien affett minn xi difett latenti wara xi xahar iehor meta l-apparat reggha zviluppa difett iehor u l-konvenuti hadu zmien sew, skond deposizzjoni ta' l-attur stess, biex irrepparaw l-istess difetti.

Ghaldaqstant iz-zmien ta' sitt xhur stipulat mill-Artiklu 1431 bhala l-perjodu preskrittiv ta' l-azzjoni redibitorja ghandu jigi kkunsidrat li beda jiddekorri xahar u gimgha wara l-4 ta' Settembru, 1999, u ghalhekk mill-11 ta' Ottubru, 1999.

Stabbilita din id-data, jirrizulta illi l-atturi kellhom sal-11 ta' April, 2000, sabiex jipprezentaw l-Avviz relattiv biex jattakkaw il-bejgh li sar bejnhom u l-konvenuti.

Billi jirrizulta illi l-Avviz odjern gie pprezentat mill-atturi fis-7 ta' April, 2000, jirrizulta illi dan l-Avviz gie pprezentat entro is-sitt (6) xhur indikati mill-Artiklu 1431 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant il-Qorti qieghda tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti.

Izda l-konvenuti jeccepixxu wkoll fil-mertu illi effettivament l-apparat mibjugh u kkonsenjat lill-atturi mhuwiex affett minn xi difett latenti u illi wara li kienu ghamlu t-tiswijiet u manutenzjoni ta' natura ordinarja fuq l-apparat, dan l-apparat gie mholli ghand l-atturi jiffunzjona sew kif kien intiz illi jaghmel fil-bidu tal-ftehim ta' bejgh.

Ghal dan ir-raguni l-Qorti nnominat bhala espert tekniku lill-Inginier Carmelo Cuschieri sabiex, wara illi jezamina sew l-operat ta' l-'airconditioner' in kwistjoni, jirrelata dwar jekk dan l-'airconditioner' ghandux jitqies illi huwa difettuz b'tali mod illi jintitola lill-atturi illi jirrexindu l-bejgh pattwit mall-konvenuti.

Ghalkemm fl-ewwel relazzjoni tieghu l-espert tekniku kien irrelata illi effettivament l-apparat mibjugh ma kienx jiffunzjona, fit-tieni relazzjoni huwa spjega li kien irrelata originarjament illi l-apparat ma kienx hadem fl-ahhar access minnu mizmum minhabba illi l-apparat kellu 'fuse' maqtugh u illi li dan il-qtugh ta 'fuse' u l-bidla tieghu ghandhom jigu meqjusa bhala manutenzjoni ordinarja ta' l-apparat u meta wara li bidel il-'fuse' huwa reggha haddem l-apparat dan hadem b'mod normali kif irrelata fit-tieni (2) relazzjoni tieghu.

Infatti mit-tieni relazzjoni ta' l-espert tekniku jirrizulta illi l-apparat installat fir-residenza ta' l-atturi kien qieghed jiffunzjona ezattament kif kien mahsub li jaghmel skond il-kapacitajiet tieghu u l-kwalita' tieghu pattwita mall-bejgh u l-perit ikkonkluda illi effettivament il-'cooling capacity' ta' l-'airconditioner' kien jaqbel ezattament mar-'rating' tal-'unit'.

Ghalkemm lill-perit tekniku rrizultalhu wkoll illi fejn jirrigwarda l-kamra fil-'basement' l-apparat mibjugh ma

kienx sufficjenti biex ibaxxi t-temperatura ghall-livell mixtieqa, dan ma kienx dovut ghal xi difett ta’ l-apparat mibjugh izda biss ghall-fatt illi l-kapacita’ ta’ l-apparat ordnat, mibjugh u kkonsenjat ma kienx sufficjenti biex inizzel din it-temperatura fl-livell accettabbli.

Dan pero’ ma jinkwadrax ruhu f’xi vizzju latenti ta’ l-istess apparat, imma semmai, kieku l-provi hekk jindikaw, seta’ biss jinkwadra ruhhu f’kaz ta’ apparat li mhux tal-kwalita’ pattwita kieku l-atturi meta kkuntrattaw il-bejgh mall-konvenuti, minflok ghazlu l-apparat specifiku ta’ kapacita’ ta’ 10,000 BTU’s, kienu xtraw apparat ta’ kapacita’ sufficjenti biex jista’ jnizzel it-temperatura fl-livelli accettabbli fil-kmamar li ghalihom kien intiz.

Ghaldaqstant, billi jirrizulta ghalhekk illi almenu sat-18 ta’ Awissu, 2003, erba’ (4) snin wara l-installazzjoni ta’ l-‘airconditioner’ relattiv dan kien ghadu jiffunzjona b’ mod normali ezattament kif kien aspettat li jiffunzjona apparat ta’ l-kapacita’ kkuntratta, issib illi l-istess apparat m’ghandu ebda vizzju jew difett fih illi jista’ jintitola lill-atturi illi jitolbu r-recissjoni tal-bejgh u konsegwentement qieghda tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu u tirrespingi t-talba attrici.

Dwar l-ispejjez, billi ghalkemm ma jirrizultawx difetti mohbija tali illi jintitolaw l-atturi ghar-rexissjoni tal-bejgh izda jirrizulta illi sakemm l-apparat in kwistjoni seta’ jibda jiffunzjona b’mod normali kien hemm bzonn interventi numeruzi u kostanti da parti tal-konvenuti li setghu zgwidaw lill-atturi fil-konkluzjonijiet taghhom sabiex setghu jibdew dawn il-proceduri, tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------